MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2004

Numru 19/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

***omissis***
**Akram Amar Swayah**

**Il-Qorti**:

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-23 ta’ Ottubru, 2003 fuq ammissjoni tal-imputati. L-akkuzati f’dan il-kaz kienu originarjament tnejn, u cioe` Margaret Anyasi Andalo u Akram Amar Swayah. Andalo ma appellatx, izda appella mis-sentenza l-ko-akkuzat Swayah.

Andalo u Swayah kienu akkuzati, fl-ewwel kap, b'assocjazzjoni sabiex jimpurtaw, ibieghu jew jittraffikaw l-erojina f'Malta jew li ppromwovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni; fit-tieni kap kienu akkuzati b'importazzjoni f'Malta ta' erojina bi ksur tal-ligi; fit-tielet kap kienu akkuzati li "fornew jew ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw id-droga erojina" bi ksur tal-ligi; u fir-raba' kap kienu akkuzati b'pussess ta' erojina bi ksur tal-ligi "taht tali cirkustanzi li juri li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom". Il-hames kap u s-sitt kap kienu jirrigwardaw lil Swayah biss u fihom l-imsemmi Swayah kien akkuzat b'pussess "semplici" u kontra l-ligi ta' *cannabis* u tar-raza mehuda mill-pjanta *cannabis*.

Il-parti relevanti tas-sentenza appellata tghid hekk:

"Rat in-nota t'ammissjoni ta' Akram Amar Swayah pprezentata minnu fl-20 t'Ottubru, 2003 u cioe' fl-ewwel jum tal-kawza;

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat il-verbal li bih l-akkuzati permezz ta' Dr. Lynn Zahra u Dr. Malcolm Mifsud ezentaw lill-Qorti mill-qari tal-Att tal-Akkuza;

Rat illi waqt is-seduta tal-20 t'Ottubru, 2003, l-akkuzati mistoqsijin jekk humiex hatja skond l-Att tal-Akkuza , wiegbu billi stqarrew li huma kienu hatja tar-reati hemm dedotti kontra taghhom;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w tatom ftit taz-zmien biex jergghu lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta , l-akkuzati baqghu jtennu t-twegiba li huma kienu hatja ;

Tiddikjara ghalhekk lil Margaret Anyasi Andalo u Akram Amar Swayah hatja talli fit-30 ta' Lulju, 2002, u matul l-

ahhar gimghat qabel din id-data, assocjaw ruhom ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibieghu jew jitraffikaw medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.

Kif ukoll tiddikjara lill-istess Margaret Anyasi Andalo u Akram Amar Swayah hatja talli fit-30 ta' Lulju, 2002 u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data mportaw, gieghelu li tigi mportata jew ghamlu xi haga sabiex tista tigi mportata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellhomx licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza;

Kif ukoll tiddikjara lill-istess Margaret Anyasi Andalo u Akram Amar Swayah hatja talli fit-30 ta' Lulju, 2002 u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data, fornew jew ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw d-droga erojina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellhom licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jfornu d-droga msemmija w minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellhom licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija w minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

Kif ukoll tiddikjara lill-istess Margaret Anyasi Andalo u Akram Amar Swayah hatja talli fit-30 ta' Lulju, 2002 u matul l-ahhar gimghat qabel dik id-data, kellhom fil-

pussess taghhom id-droga erojina li ghaliha tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101), meta ma kienux fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101), u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija w ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienux awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juri li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom, u dana skond ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza;

Kif ukoll tiddikjara lil Akram Amar Swayah hati talli fis-27 ta' Lulju, 2002 u matul l-ahhar xhur qabel dik id-data, kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha, u dana skond il-Hames Kap. tal-Att tal-Akkuza;

Kif ukoll tiddikjara lil Akram Amar Swayah hati talli fis-27 ta' Lulju, 2002 u matul l-ahhar xhur qabel dik id-data, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-pussess ta' dak l-oggett u dana skond is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza;

Semghet ix-xhieda prodotti mid-difiza tal-hati Akram Amar Swayah dwar il-piena fis-seduta tat-22 t'Ottubru, 2003 u cioe' lill-Ispettur Sandro Gatt, Direttur tal-Habs, Stefanie Bezzina ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku, Maria Theresa Cutajar, l-armla ta' hu l-istess hati Akram Amar Swayah, Mohammed El Sadi, l-Imam u l-Ispettur Neil Harrison;

Mix-xhieda tal-Ispettur Gatt irrizulta li l-hati “pressapoco u on the whole” kellu kondotta tajba gol-habs u kellu biss zewg rapporti dwar glied ma xi prigunieri ohra kemm ilu l-habs, fejn il-glied hu komuni ghalkemm id-dizordni mhux ir-regola.
Mid-dokument ossia att tal-mewt esebit mir-rapprezentanti tar-Registru Pubbliku rrizulta li fit-12 t’April, 2002 kien miet Ali Amar Al Sawih sive Swaiah, li jigi hu l-hati.
Maria Theresa Cutajar, xehdet li l-hati kien jahdem mal-mejjet zewgha f’xoghol ta’ kisi u kien vicin hafna ta’ huh u li wara li miet huh waqa’ f’ “depression” u waqaf mix-xoghol u ma setax ikompli jahdem.
L-Ispettur Harrison umbaghad xehed ukoll li l-hati Akram Amar Swayah kien tah l-informazzjoni kollha inkluza l-informazzjoni biex setghet tigi identifikatta l-hatja Andalo w li ghalhekk hu l-kaz li fil-konfront tieghu jigi applikat il-beneficju tal-artikolu 29 tal-Kap. 101, u li dan kellu fedina penali nadifa . L-Ispettur Harrison xehed ukoll li anki l-hatja Andalo ikkooperat pero’ bla ma nkiseb ebda rizultat mill-informazzjoni li tat.

Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni li bih iddikjarat li l-hati Akram Amar Swayah ghandu jibbenifika mid-dispozizzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap. 101.

Semghet u ikkonsidrat is-sottomissjonijiet dwar il-piena tad-difensur ta’ Akram Amar Swayah li fil-qosor kienu s-segwenti:

1. li bil-ligi kif inhi w li tati diskrezzjoni assoluta lill-Avukat Generali li jaghzel hu jekk ghall-istess reat iressaqx il-kaz quddiem din il-Qorti b’Att ta’ Akkuza jew jibghatux biex jigi gudikat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, jista’ jkun hemm lok ta’ abbuz u li dan jista’ anki jaghti lok ghall-diskriminazzjoni kontra hatja Libjani u li dan il-fattur ghandu jittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti meta taghti l-piena;
2. li s-sehem tal-hati Akram kien minimu;
3. li hu kien ammetta mill-ewwel u kixef lill-hatja l-ohra Andalo;

4. li dak li ghamel ma ghamlux ghall-“greed” imma ghax waqa’ f’depression wara li miet huh;
5. li hu jiddispjacih ghal dak li ghamel;
6. li hawn non si tratta ta’ reat kontinwat;
7. li ghalhekk hu ghandu jigi trattat b’mod differenti;
8. li ma ghadux jabbuza mid-droga;
9. li hu kien ser jiehu in-nofs tan-nofs tar-rikavat mill-biegh tad-droga in kwistjoni.

Semghet u ikkonsidrat is-sottomissjonijiet tad-difiza tal-hatja Andalo li :

1. ammettiet il-htija taghha mill-ewwel;
2. li jidher li nies ohra hadu vantagg mill-kondizzjoni mizera taghha;
3. li ghandha fedina penali netta;
4. li wiehed ghandu jqis il-kondizzjoni medika taghha ;
5. li ghalhekk din il-Qorti ghandha turi klemenza maghha;

Semghet u ikkonsidrat is-sottomissjonijieit tal-Prosekuzzjoni dwar il-piena w cioe’ li hawn si trattava ta’ mportazzjoni ta’ cirka 600 gramma eroina, w mhux ta’ 60 gramma kif bi zball gie indikat fil-parti espozittiva tal-ewwel u r-raba kap tal-Att tal-Akkuza, ta’ purita’ gholja hafna ta’ 88%;
Li Andalo kellha r-rwol importanti li kienet importat id-droga f’Malta w Swayah kellu r-rwol ukoll importanti li jittraffika l-istess droga f’Malta w sahansitra kien ser jaqla hafna aktar flus mill-hatja l-ohra bhala rizultat ta’ din l-operazzjoni w ghalhekk ir-rwol taz-zewg hatja kien kbir u ghandhom ikollhom piena sostanzjali, skond il-parametri li kienet qed tuza din il-Qorti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-22 t’Ottubru, 2003 li biha iddikjara li ghall-fini tal-piena l-ammont ta’ droga involuta kienet madwar 600 gramma eroina (vide fol. 88 u 124 tal-process);

Rat in-nota tal-hatja Andalo tal-istess data li biha zammet ferm ma l-ammont ta’ droga indikata fl-Att tal-Akkuza w dana a bazi ta’ liema fatti indikati fl-Att tal-Akkuza ammettiet l-akkuzi migjuba kontra taghha. Dana stante li ma hemm xejn indikat fir-rapporti fil-process li d-droga misjuba hija kollha taghha. Fil-fatt instabet droga ohra li ma tirrigwardahiex.

Rat in-nota tal-hati Swayah tal-istess data li biha zamm ferm fuq l-ammont ta’ droga kif indikat fl-Att tal-Akkuza w fuq liema fatti (fl-Att tal-Akkuza) huwa ammetta l-akkuzzi kontrieh;

Ikkonsidrat

Li ghalkemm mill-assjiem tal-provi li jinsabu fil-process u cioe’ mir-relazzjonijiet tal-espert spizjar jidher li t-total tad-droga elevata separatament minn ghand iz-zewg hatja kienet tammonta ghall-592.81 grammi eroina, l-Avukat Generali ghal darbtejn fl-Att tal-Akkuza semma figura ta’ 60 gramma, u dan fil-parti ezpozittiva tal-Ewwel u tar-Raba’ Kap;

Illi dan l-izball gie rilevat mill-Qorti wara li saret l-ammissjoni tal-hatja w l-Qorti thoss li ma jkunx xieraq li jigi korrett dan l-izball wara l-istadju tal-ammissjoni, billi dan l-istadju jekwivali l-istadju ta’ meta l-guri jaghti l-verdett u, skond l-artikolu 599 (1) tal-Kap. 9. zball ta’ din ix-xorta dwar l-indikazzjoni jew id-deskrizzjoni tal-hwejjeg li fuqhom sar ir-reat jista’ jigi koreggut “sakemm il-guri ma jatix il-verdett tieghu”. F’dan il-kaz ma jkunx gust li wara li l-hatja jkunu ammettew ghall-Att tal-Akkuza skond il-fatti esposti fl-Att tal-Akkuza, dan jigi mibdul b’mod li, ghalkemm ma jaggravax ir-reat per se, jista’ jwassal biex tigi applikata piena aktar harxa.

Hu ghalhekk importanti li l-prosekuzzjoni tivverifika sew u minn qabel il-kontenut tal-Att tal-Akkuza biex zbalji bhal dawn – li din il-Qorti qed tikkonstata ta’ spiss – jigu ndividwati, ndirizzati w, fejn hu possibbli, korretti fil-waqt u “a tempo debito”.

Ghalhekk ghall-fini ta' piena din il-Qorti thoss li ghandha toqghod fuq il-fatti kif esposti fl-Att tal-Akkuza w hekk ammessi mill-hatja.

Qieset li ghalkemm il-piena ghar-reati taht l-ewwel erba Kapi tal-Att tal-Akkuza hija dik ta' ghomor il-habs, skond l-artikolu 492 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta f'xi stadju qabel jigi ffurmat il-guri l-akkuzati jammettu l-htija taghhom, l-Qorti tista', minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tmintax-il sena sa' tletin sena;

Qieset ukoll li skond il-proviso tal-artikolu 22 (2) (a)(i)(aa), tal-Kap. 101 meta l-Qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-eta' tal-hatja, l-kondotta ta' qabel tal-hatja, l-kwantita' tal-medicina w x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f'kazijiet bhal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira ;

Qieset favur il-hatja, l-fatt li huma rregistraw ammissjoni fi stadju bikri tal-process u qabel ma giet iffurmata l-gurija;

Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", Qorti Kriminali , [24.2.1997] ; "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002] u BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.).

Qieset ukoll favur il-hatja Margaret Anyasi Andalo u Akram Amar Swayah il-kondotta incensurata taghhom – al menu f'dawn il-Gzejjer - kif ukoll iz-zmien li z-zewg hatja lahqu ghamlu taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn l-akkuzi ;

Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel, fit-Tieni, u fir-Raba' Kapi tal-Att tal-Akkuza servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat dedott taht it-Tielet Kap. tal-Att tal-Akkuza fil-kaz taz-zewg hatja w ghalhekk ghall-fini tal-konkors tal-piena ghandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Ara "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem" (31.10.2002) u "Ir-Repubblika ta' Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag" (15.05.2003) kif del resto anke qablu l-Prosekuzzjoni w d-Difiza b'verbal appozitu;

Qieset li fil-kaz tal-hati Akram Amar Swayah il-Prosekuzzjoni ddikjarat li dan ghandu jibbenefika mid-dispozizzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101;

Din il-Qorti pero' ma tarax li ghandu jkun hemm xi attenwant ulterjuri mill-fatt li fil-habs hu qed igib ruhu "pressapoco" u "on the whole" tajjeb ghax iggieled darbtejn biss. Lanqas ma jista' jkun ta' attenwant il-fatt li hu hass il-mewt ta' huh u waqa' fid-dwejjaq ghax allahares kull min jitlef xi qarib tieghu jatiha ghall-importazzjoni w traffikar u konsum tad-droga.
L-istess il-fatt li l-ligi taghti diskrezzjoni lill-Avukat Generali quddiem liema Qorti jakkuza persuni dwar reati ta' drogi, u li dan skond id-difensur tal-hati jista' jaghti lok ghall-abbuz u xi diskriminazzjoni kontra hatja Libjani, apparti milli jammonta ghall-kongettura w allegazzjoni mhux sostanzjata, ma jistax jitqies minn din il-Qorti, ghax il-Qorti trid tapplika l-ligi kif inhi. Li trid tara din il-Qorti hu li, kemm hu umanament possibbli, kull min jigi biex ikun kundannat minnha jiehu dak li haqqu skond parametri uniformi w evidenti.

Illi hawn imkien fl-Att tal-Akkuza ma jissemma xi reat kontinwat u ghalhekk din is-sottomissjoni kienet barra minn lokha, anki jekk kienet intiza biex tislet xi paragun ma kaz iehor fejn il-Qorti setghet esprimiet ruha appropozitu.

Illi din il-Qorti lanqas ma taqbel li r-rwol tal-hati kien wiehed minimu jew marginali ghax hu kien involut fit-traffikar tad-droga importata, kif ammetta hu stess.

Jekk umbaghad anki jekk hu veru li l-hati jiddispjacih ghal dak li ghamel u m’ghadux jiehu d-droga, ghalkemm dan hu lodevoli, m’ghandux iwassal biex jiehu piena inqas fil-fehma tal-Qorti, ghax dan hu agir mistenni minn kull cittadin u mhux xi attribut specjali.

Illi umbaghad il-qliegh li kien ser jaghmel l-hati mid-droga li nstabet ghandu u li hu stqarr li kien ser jipprokura jew iforni kien ser ikun sostanzjali anki jekk kien ser jiehu in-nofs tan-nofs tieghu, kkonsidrat il-purita’ gholja tad-droga in kwistjoni (88%) u dan anki jekk wiehed jiehu l-kwantita’ msemmija fl-Att tal-Akkuza biss.

Qieset ukoll li fil-kaz tal-hati Akram Amar Swayah hu ammetta w instab hati wkoll ta’ pussess semplici tal-pjanta cannabis jew bicca minnha skond il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza w ta’ pussess semplici tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew bicca minnha skond is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza, li allura jirrendi l-htija tieghu akbar minn dik tal-hatja l-ohra w jirrendi applikabbli fil-kaz tieghu biss is-subinciz (b) tal-artikolu 17 tal-Kap. 9, sia pure temperat bl-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap. 101;

Qieset fil-kaz ta’ Andalo l-istat ta’ sahha taghha w li hi kienet ser taqbad xi elfejn dollaru minn din l-operazzjoni li kienet ser taghmel tant hsara lis-socjeta’ Maltija, kif ukoll il-fatt li hi mill-ewwel ammettiet u ikkooperat bis-shih mall-Pulizija, ghalkemm il-kaz taghha ma jaqax strettament taht l-artikolu 29 tal-Kap. 101.

Qieset il-fatt li l-hatja Andalo kellha 38 sena w l-hati Swayah kellu 26 sena w li d-droga kienet ser taghmel hsara lis-socjeta’ Maltija li ghaliha kien jidher car li kienet destinata, u dana b’abbuz tal-ospitalita’ li l-gens Malti tahom bhala barranin li kienu qed izuru dawn il-Gzejjer;

Qieset finalment il-piena li nghatat minn din il-Qorti f’kazijiet analogi recentement biex ikun jista’ jinzamm

certu proporzjon u relativita’ fil-piena ghal dak li jirrigwarda l-gravita’ tar-reat in kwantu t-tip u kwalita’, l-kwantita’ u purita’ tad-droga mportata, u meta jkun hemm ammissjoni bikrija, w dana bil-ghan li jkun hemm certa uniformita’ f’sentenzi li jirrigwardaw din il-marterja;

Rat l-artikoli 2, 3, 8(a)(d), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(ii)(b)(3A)(c)(d), 26 u 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101, u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u l-Artikoli 17(b)(h), 23, 31, 492 (1) u 533 tal-Kap. 9;

Tikkundanna lill-hatja Margaret Anyasi Andalo ghall-piena ta’ ghaxar (10) snin prigunerija, b’dana li minn dan il-periodu jrid jinqata’ kull zmien li hi ghamlet taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll li thallas multa ta’ sbatax il-elf lira Maltin (LM 17,000) u jekk din ma tithallasx minnufieh tigi awtomatikament konvertita fi’ tnax (12) il-xahar prigunerija ohra skond il-ligi, kif ukoll li thallas nofs is-somma ta’ hames mija w tminja w disghin lira Maltin u erba’ w erbghin centezmu (LM598.44c), import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hatja a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u jekk dawn ma jithallsux minnufieh jigu konvertiti f’terminu iehor ta’ prigunerija skond il-ligi;

Tikkundanna lill-hati Akram Amar Swayah ghall-piena ta’ hdax (11) il-sena prigunerija, b’dana li minn dan il-perjodu irid jinqata kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll li jhallas multa ta’ tmintax il-elf lira Maltin (LM 18,000) u, jekk din ma tithallasx minnufieh tigi awtomatikament konvertita fi tnax (12) il-xahar prigunerija ohra skond il-ligi, kif ukoll li jhallas nofs is-somma ta’ hames mija tminja w disghin lira Maltin u erba’ w erbghin centezmu (LM598.44c) import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u jekk dawn ma jithallsux minnufieh jigu konvertiti f’terminu iehor ta’ prigunerija skond il-ligi;

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hatja;

Tordna ukoll id-distruzzjoni tal-istess droga a kura tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, sakemm fi zmien hmistax il-jum mil-lum l-Avukat Generali b'Nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohra kontra terzi w b'dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b'verbal lil din il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta;"

Kif jidher minn hawn fuq, is-sentenza kienet wahda dettaljatissima. Anzi din il-Qorti tista' tghid – minghajr ma dan il-kumment jittiehed bhala xi forma ta' censura fir-rigward tal-ewwel Qorti – li s-sentenza kienet dettaljata zzejjed, meta wiehed jikkonsidra li skond il-ligi kull ma hu rikjest f'sentenza tal-Qorti Kriminali wara sejbien ta' htija b'verdett tal-gurati jew wara ammissjoni tal-hati hu li jissemma' l-fatt jew fatti li tieghu jew taghhom l-akkuzat ikun qed jigi dikjarat hati mill-Qorti, tinghata l-piena u jinghataw ir-ragunijiet ghal dik il-piena (Artikolu 490, Kap. 9)[1]. Il-ligi ma tirrikjedix li dawn ir-ragunijiet ikunu dettaljati u argumentattivi; huwa bizzejjed li jissemmew brevement dawn ir-ragunijiet permezz ta' semplici accenn ghalihom. Anqas ma hu rikjest li l-Qorti Kriminali toqghod issemmi wiehed wiehed l-argumenti kollha migjuba mill-partijiet fis-sottomissjonijiet taghhom dwar il-piena.

Minn din is-sentenza appella biss, kif inghad, Swayah. L-appellant ghandu diversi aggravji li ser jigu kkunsidrati *seriatim*. Pero` ghandu jigi precizat li fid-diversi aggravji hemm hafna affarijiet li huma ripetuti, bl-istess haga tinghad, b'xi sfumatura differenti, taht tnejn jew aktar mill-kapi ta' l-aggravji.

[1] Is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 662 japplika biss ghal decizjoni tal-Qorti Kriminali "li biha tigi deciza kwistjoni ta' ligi".

L-ewwel aggravju hu bazikament fis-sens li l-piena inflitta fuq l-appellant kellha tkun ferm anqas peress li l-ewwel Qorti ma kellhiex tiehu in konsiderazzjoni, bhala cirkostanza aggravanti, il-fatt li hu kien ser jaghmel qliegh "sostanzjali" mit-traffikar tad-droga. L-appellant jilmenta li ma hemm ebda kriterju oggettiv ta' x'inhu "qliegh sostanzjali" – b'mod ghalhekk li, dejjem skond hu, dan imur kontra l-principju tal-*"legal certainty"* ghal dak li jirrigwarda l-piena – u inoltre fil-kaz *de quo* ma setax ikun hemm tali qliegh galadarba l-ammont ta' droga involuta kienet biss, skond l-Att ta' l-Akkuza, ta' sittin (60) gramma erojina. Dwar l-ewwel aspett ta' l-ilment, u cioe` li l-introduzzjoni tac-cirkostanza ta' "qliegh sostanzjali" kienet ser iggib necessarjament incertezza fil-piena, din il-Qorti tiddikjara bla tlaqliq li l-appellant ghandu idea assolutament zbaljata tal-kuncett ta' *"legal certainty"* in tema ta' dritt penali sostantiv. Huwa veru li, kif tajjeb osservat l-abbili difensur tal-appellant l-Avukata Dott. Lynn Zahra, dan il-principju *"…has been interpreted as requiring that a citizen must be able to foresee, to a degree that is reasonable in the circumstances, the consequence that a given act may entail"* [2] izda l-"foreseeability" li ghaliha jirreferi dan il-principju ma hix marbuta b'xi mod ma' l-anticipazzjoni tal-*quantum* tal-piena ghall-fatt kommess meta r-reat ikollu, bhal f'dan il-kaz, margini wiesa' hafna bejn il-minimu u l-massimu. Din il-"foreseeability" tirreferi ghac-certezza jew kwazi certezza li dak li jkun ghamel l-agent ikun fil-fatt jammonta jew ma jammontax ghal reat. Fi kliem iehor, il-ligi penali trid tkun redatta b'tali mod li dak li jkun ikun jista' jkun jaf jekk l-ghemil jew in-nuqqas tieghu jammontax o meno ghal reat. Fi kliem l-awturi aktar 'il fuq citati:

*This [principle] does not mean that the individual must be able to predict the legal consequences of his actions with absolute certainty. As the Court has observed:* ***"Experience shows this to be unattainable…Whilst certainty is highly desireable, it may bring in its train excessive rigidity and the law must always be able to***

[2] Emmerson, B. and Ashworth, A. ***Human Rights and Criminal Justice***, Sweet & Maxwell (London), 2001, para. 2-82, p. 87.

***keep pace with changing circumstances. Accordingly, many laws are inevitably couched in terms which, to a greater or lesser extent, are vague and whose interpretation and application are questions of practice"*[3]*. In judging whether a legal rule satisfies the requirements of certainty and foreseeability, the Court will approach the question on the assumption that the applicant could have obtained appropriate legal advice. The fact that a statutory provision is capable of more than one construction does not necessarily involve a breach of the principle of legal certainty. Nor does the fact that a common law offence may be susceptible to change over time, provided any development is reasonably foreseeable and consistent with the essence of the offence…In relation to the substantive criminal law, the requirement for legal certainty is embodied in Article 7 [of the European Convention on Human Rights and Fundamental Freedoms]. On its face Article 7 constitutes no more than a guarantee against the retrospective application of the criminal law. However, consistent with its short title in the Convention (***"no punishment without law"***) the Court has held that Article 7 is to be broadly construed. Thus, Article 7 has been held to embody the principle that the criminal law must not be extensively construed to an accused's disadvantage, and that criminal offences must be clearly defined in law. Accordingly, Article 7 prohibits the extension of a statutory or common law offence so as to encompass conduct which would not previously have been regarded as a crime. However, in* ***SW and CR v. United Kingdom***[4] *the Court emphasised that this principle does not prohibit the development of the criminal law through judicial decisions.* [5]

Kwantu ghall-kwistjoni li, skond l-Att ta' l-Akkuza – aktar precizament, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, fl-ewwel kap u fir-raba' kap – l-ammont ta' droga erojina li tissemma' hija 60 gramma – mentri mill-provi jirrizulta li kien hemm kwazi sitt mitt gramma – dan il-fatt fih innifsu ma jfissirx li fuq tali ammont ma setax ikun

[3] *Sunday Times v. United Kingdom (No. 1)* (1979-80) 2 E.H.R.R. 245 at para. 49.
[4] (1996) 21 E.H.R.R. 363 at paras 36 (SW) and 34 (CR).
[5] Emmerson, B. and Ashworth, A. *op. cit.* paras 2-82, 2-85, pp. 87, 88.

hemm "qliegh sostanzjali". Apparti li r-referenza ghal sittin gramma flok ghal sitt mitt gramma kienet evidentement *lapsus calami*, il-valur tal-erojina in kwistjoni gie kjarament indikat fl-ewwel kap bhala "U$ 16,000" (cioe` sittax-il elf dollaru Amerikan); u l-ewwel Qorti kienet perfettament intitolata, minkejja li kienet ser tikkonsidra li l-ammont indikat fl-ewwel u fir-raba' kapi kien ser jibqa' ta' sittin gramma, li tiehu in konsiderazzoni dak li qal l-appellant stess fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija dwar il-"qliegh" li kien ser isir fuq id-droga involuta, stqarrija li ma giet b'ebda mod kontradetta mill-akkuzat jew minn xi xhud iehor (ara l-attijiet ta' l-istruttorja, fol. 26, specjalment fol. 28). Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Aggravju iehor ta' l-appellant hu bazikament fis-sens li, kuntrarjament ghal dak li stqarret l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, il-parti tieghu f'din l-importazzoni tad-droga erojina f'Malta ma kinitx wahda "determinanti". Hu jghid li kienet aktar "determinanti" il-*courier* Margaret Anyasi Andalo, u li fi kwalunkwe kaz l-ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-piena anqas severa applikata f'kazijiet ohra fejn l-ammont ta' droga kien aktar minn dak odjern (b'mod ghalhekk li hemm nuqqas ta' "uniformita`" jew "konsistenza" fil-pieni[6]); kif ukoll naqset milli tiehu in konsiderazzjoni cirkostanzi ohra, bhad-depressjoni li l-appellant kien jinsab fiha minhabba l-mewt ta' huh, il-fatt li ammetta mill-ewwel mal-Pulizija, il-fatt li iddispjacih ghal dak li ghamel, u l-fatt li minhabba l-imsemmija depressjoni huwa kien "vulnerabbli" aktar minn haddiehor. Frankament din il-Qorti tqis li dan l-aggravju, jew sensiela ta' aggravji migbura taht il-kappell ta' aggravju wiehed, huwa wiehed fieragh. Kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tosserva f'diversi sentenzi taghha, ma hux il-kompitu taghha, bhalma ma hux il-kompitu tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ta' l-ewwel istanza, li toqghod tipprova tkejjel bir-riga jew bir-rutella l-piena billi twezinha

[6] Il-Qorti tosserva li dan il-punt partikolari tal-"uniformita`" jew "konsistenza" fil-pieni, ghalkemm ma jinsabx espressament imsemmi fir-rikors ta' appell ippresentat mill-appellant fit-12 ta' Novembru, 2003 – u dan peress li huwa naqas milli jipprezenta l-pagna numru erba' tal-imsemmi rikors ta' appell (minflok hemm esibiti zewg faccati numru hamsa) – din il-Qorti xorta qed tiehu konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-abbili difensur tieghu f'dan ir-rigward maghmula fil-kors tat-trattazzjoni fl-udjenza tal-24 ta' Gunju, 2004.

gramma gramma ma' l-ammont ta' droga involuta. Sakemm il-piena erogata mill-ewwel Qorti ma tkunx manifestament sproporzjonata ghall-fattispeci partikolari tal-kaz jew sakemm ma jkunx hemm disparita` ingustifikata bejn is-sentenzi moghtija lil diversi ko-akkuzati, din il-Qorti, bhala regola, ma tintervjenix. U fil-kaz *de quo* ma jidhrilhiex li ghandha b'xi mod tintervjeni. L-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni u wieznet bl-akbar reqqa c-cirkostanzi kollha tal-kaz, u din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fl-operat taghha jew fis-sentenza erogata. Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, hi tal-fehma li r-rwol ta' l-appellant kien "determinanti" daqs dak tal-ko-akkuzata; u l-fatt li l-appellant inghata sena aktar prigunerija (u elf lira aktar bhala multa) mill-imsemmija ko-akkuzata hu evidentement dovut ghall-fatt li kellu zewg akkuzi – il-hames kap u s-sitt kap – aktar minn Andalo.

Aggravju iehor ta' l-appellant hu li l-ewwel Qorti messha ikkummissjonat, qabel ma ghaddiet ghas-sentenza, *pre-sentencing report*. L-appellant jilmenta li meta huwaipprezenta rikors (fl-20 ta' Ottubru, 2003) li fih talab li jithejja tali rapport, il-Qorti Kriminali cahdet it-talba tieghu. Anke dana l-aggravju ta' l-appellant jirrazenta l-fieragh. Apparti li – hlief ghal dak li hu provdut fil-*proviso* tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 6 tal-Kap. 446 – Qorti ma hi b'ebda mod obbligata li tordna li jsir tali rapport, fil-verita` n-necessita` ta' tali rapport tqum biss jekk il-Qorti tkun tal-fehma li, qabel ma tghaddi ghas-sentenza, tkun tehtieg aktar informazzjoni dwar il-hati, u dan peress li jkun hemm f'mohh il-Qorti imqar il-possibilita` li flok ma taghti sentenza ta' prigunerija tittratta mieghu b'xi mod iehor (ara s-subartikoli (1) u (3) tal-Artikolu 6 tal-imsemmi Kap. 446). Fil-kaz in dizamina l-ewwel Qorti gustament ma kellha ebda xelta ghajr dik li timponi piena ta' prigunerija b'effett immedjat u multa (oltre l-konfiska ecc), u ghalhekk kien ikun hela ta' zmien li jigi kummissjonat tali rapport. Salv dejjem dak kontenut fil-*proviso* aktar 'l fuq imsemmi, jekk Qorti ta' Gustizzja Kriminali tkun tal-fehma li tista' tasal biex tittratta mal-hati b'mod gust minghajr il-htiega ta' *pre-sentencing report* – u dan a bazi ta' dak li jkun irrizulta matul il-kawza jew a bazi ta' xhieda mismugha minnha stess fl-istadju tat-trattazzjoni dwar il-piena – jinbet

addirittura l-obbligu li ma jinheliex la z-zmien tal-Qorti u anqas iz-zmien tad-Dipartiment ghal Servizzi ta' *Probation* bl-istesura ta' *pre-sentencing report*, u l-obbligu konsegwenzjali li l-Qorti tghaddi ghas-sentenza minnufih. Effettivament fl-istragrandi maggoranza tal-kazijiet ma jkunx hemm il-htiega ta' tali rapport; u l-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom jirrezistu kull tentattiv sabiex il-*pre-sentencing report* jigi wzat biex semplicement itawwal iz-zminijiet. Dan l-aggravju, ghalhekk, qed jigi respint.

Aggravju iehor ta' l-appellant hu li hu ma messux gie kkundannat total ta' sena prigunerija fuq l-akkuzi kontenuti fil-hames kap u fis-sitt kap. Dan l-aggravju hu manifestament infondat, tenut kont tal-fatt li l-minimu tal-piena ghal dawn l-akkuzi kien ta' sena prigunerija ghal kull wahda minnhom, u l-massimu ghaxar snin (Art. 22(2)(a)(ii), Kap. 101). Kif irrizulta mis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti applikat, fir-rigward ta' dawn iz-zewg akkuzi, kemm l-Artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali (konkors ta' pieni ta' prigunerija) u l-Artikolu 29 tal-Kap. 101. Hawn ukoll din il-Qorti ma tara xejn x'ticcensura fis-sentenza appellata.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li l-Avukat Generali b'xi mod abbuza mid-diskrezzjoni tieghu meta baghat lill-appellant, allura imputat, biex jigi processat quddiem il-Qorti Kriminali, flok quddiem il-Qorti tal-Magistrati, stante li l-ammont ta' erojina kien biss sittin gramma; u li l-ewwel Qorti naqset milli tiehu konjizzjoni tal-possibilita` ta' tali abbuz fil-kwantifikazzjoni tal-piena. Din il-Qorti difficilment tista' tikkoncepixxi aggravju aktar fieragh minn dan. Hu evidenti li meta, fil-bidu tal-kumpilazzjoni, l-Avukat Generali ordna li l-appellant, allura imputat, jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali, dan ghamlu ghax l-istess Avukat Generali kien jaf li l-ammont ta' droga involuta kien effettivament qrib is-sitt mitt gramma. Kien biss minhabba traskuragni ta' min irrediga u iffirma l-Att ta' Akkuza li f'xi whud mill-kapi ssemma' l-ammont ta' sittin gramma. Ghalhekk wiehed ma jistax serjament jitkellem dwar xi "abbuz ta' diskrezzjoni" da parti ta' l-Avukat Generali. Isegwi, ghalhekk, li kienet korretta l-ewwel Qorti

li tinjora kwazi kompletament l-ilment f'dan ir-rigward li tqajjem quddiemha. U din il-Qorti ser taghmel l-istess.

**Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------